MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2010

Numru. 781/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Kevin Grech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kevin Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 573682(M).

Akkuzat talli nhar il-31 ta' Lulju 2010, ghall-habta tal-16:00 hrs gewwa Triq San Kristofru, Valletta:
1. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat jarresta lill-hati, zamm lil Raymond Xuereb, Vera Hagler Grech, Mary Grech Xuereb, Andrew Hagler u Natalie Hagler kontra l-volonta` taghhom u waqt li kienu qed jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati, gew mhedda bil-

mewt u dan bi ksur tal-Aritkoli 86 u 87(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuqu arma regolari, jew imitazzjoni ta’ arma regolari u dan bi ksur tal-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra Raymond Xuereb, Vera Hagler Grech, Mary Grech Xuereb, Andrew Hagler u Natalie Hagler, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded u/jew ingurja lil Raymond Xuereb, Vera Hagler Grech, Mary Grech Xuereb, Andrew Hagler u Natalie Hagler u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta’ Malta;

5. U aktar talli ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijeit ta’ Malta; u

6. Aktar talli kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(cc) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U akkuzat ukoll talli fl-istess jum, ghall-habta tad-21:30 hrs, gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta:
7. M’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta’ wiehed li inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` PS1417 Stephen Tarpet u PC703 John Bugelli, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijeit taghhom, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma hallihomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew setghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. U aktar talli b’hekk ghamel reat ta’ natura volontarja waqt perijodu operattiv ta’ sentenza ta’ liberta` kkondizzjonata skont l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, imposta fuqu mill-Magistrat Dr Lawrence Quintono LL.D. nhar it-8 ta’ Novembru 2007, liema sentenza nghatatlu ghal zmien tlett snin; u

9. Aktar talli b’hekk rrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Wara li rat id-dokumenti pprezentati u l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u c-cirkostanzi tal-kaz; u

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat u l-Kunsens tal-Avukat Generali.
Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 86, 87(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 55 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 339(d) u (ee) 338(bb) u (cc) u (ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Kevin Grech hati tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal dak li jirrigwarda mill-ewwel (1) akkuza sas-seba’ (7) akkuza qed tpoggi lill-akkuzat Kevin Grech taht ordni ta’ probation ghal perijodu ta’ sena bil-kundizzjonijiet kif elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment u li ghandu jitqabbad probation officer ghal dan il-ghan, li ghandu jghinu sabiex jelgheb il-vizzju tal-alkolhol. Inoltre, u ghal dak li jirrigwarda l-akkuza numru tmienja (8) qed tikkundannah ukoll ammenda ta’ hamsin Ewro (€50) u dan wara li l-Art l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inolte, tordna d-distruzzjoni tal-oggett depozitat il-Qorti mill-prosekuzzjoni, u qed timponi wkoll protection order taht l-Artikolu 412(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal gimaghtejn mil-lum u dan taht il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-digriet anness mal-odjerna sentenza.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation

Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------